# TIFKIRIET TAL-BAHAR TA' TABARIJA

Min qatt ma ntebaħx fid-dinja, li f'xi mkejjen ta' l-art li fuqha ngħixu, li naraw b'għajnejna u li fuqha nirfsu, is-sema donnu aktar jilma' b'dawl u qawwa minn fuq imkejjen oħra? Kif il-ġmiel u s-sbuħija donnhom jagħżlu l-uċuħ fejn aktar juru ruħhom it-tjieba u l-grazzja u jżejnu xi erwieħ aktar minn erwieħ oħra, hemm ukoll xi mkejjen ta' l-art aktar milquta bid-dawl u bil-grazzja minn imkejjen oħra u b'hekk jiġru fihom dawk l-għeġubijiet u l-mirakli tan-natura jsaħħar u jerfa 'l fuq il-qalb tal-bniedem, Ġesù għex u għadda l-itwal biċċa ta' ħajtu apostolika: hemm Ġesù wettaq l-akbar għadd ta' l-għeġubijiet minn tiegħu, hemm lissen minn fommu l-isbaħ klimijiet ta' l-aħbar il-ġdida, li bihom wera u stieden lil kull bniedem għas-saltna ta' l-Etern Missieru bħal wirt leġittimu ta' wlied il-Mulej.

Dik il-Bħajra ta' Tabarija bin-naħat tagħha kollha, b'dik l-art u r-raba' ta' madwarha kollu, mera li fiha



*Il-Bħajra ta' Tabarija.*

li jgħaġġbu u jerfgħu r-ruħ fil-ħsus tagħha ta' dawk l-erwieħ li jgħixu fiha.

Ġesù twieled u għex fil-Lhudija. Madankollu, ix-xbieha ta' surtu aktar turihulna kif tassew kien, l-art tal-Galilija u, l-iżjed, l-inħawi tal-Bħajra ta' Genezaret, fejn trabba u kiber, minn dik tal-Lhudija.

U tabilħaqq, f'dik ix-xaqliba tal-Bħajra ta' Genezaret, fejn il-ġmiel tidher tleqq u tiddi tassew l-imħabba tal-qalb tiegħu divina ta' bla qies u ta' bla tarf għad-dinja mbixkla u mħabbla; hi l-Għadira ta' Genezaret li Hu għażel għall-aqwa ħidma appostolika tiegħu u li fiha għadhom sal-lum u jibqgħu għal dejjem dawk l-aktar kbar tifkiriet għeżież li huwa wettaq u temm matul ħajtu għall-ġid ta' ħutu l-bnedmin.

Mill-jum li fih Ġesù kien ħalla d-

dar ta' Nazzaret, fejn kien għex ma' Marija Ommu u Ġużeppi, il-maħsub Missieru, kien irħielha u mexa donnu msaħħar lejn dik il-Bħajra ta' Genezaret f'Tabarija u, kif hemm wasal, f'dak l-ilma kaħlani mil-lewn is-sema, donnu fih naqax il-mewġa mdeħba ta' xuxtu Nazzarena, b'dik l-għamla u qagħda ta' wiċċu d-divin u b'dik ħarstu ta' tjieba u ta' ħniena li tiġbed il-kotra għal warajh. U mill-ewwel ħin, f'dawk l-inħawi ta' Genezaret donnha warrdet ir-Rebbiegħa ta' l-erwieħ mimlija b'kull faraġ, rebbiegħa li minn dak in-nhar sal-lum baqgħet dejjem twarrad u tfarraġ, billi toħloq egħġubijiet dejjem ġodda tal-ħwejjeġ ta' Alla l-Imbierek.

Quddiem dak il-mera kristall ta' ilma safi moħħna, fommna u qlubna donnhom iridu joħolqu kliem: ilaqalqu, itemtmu; kliem imħawwad, imħabbel ta' Emmna, ta' Fidi, kliem hekk imħawwad u mħabbel, bħal meta', imniġġsa qalbna minn xi mħabba, tinfixel għall-ewwel; tibda tmil imbagħad, u timxi għal ma' ġibditha, sakemm, milħuq it-tarf l-ieħor ta' kuntatt, dlonk ħsus il-qalb jintrebħu u dikment jiħorġu mistqarra bi kliemijiet l-aktar ħelwa, li jbarru kull bogħod u jagħmlu li l-qlub isiru ħaġa waħda; u b'hekk jiġri dak il-għaġeb ta' dawk il-kixfiet li huma tabilħaqq dehriet, għax huma ħsus ta' l-ispirtu li minnhom, jew tinbet, jew tikber u titkattar il-grazzja.

U dan jiġri lilna f'bosta ħabtiet li magħhom niltaqgħu matul ħajjitna. Qatt intom kontu x'imkien u għajnejkom waqgħu fuq xi naħa jew fuq xi xaqliba ta' xi għolja? Qatt ħaristu lejn xi liwja ta' xi tnixxija ta' ilma ġieri li tagħmel għadira, jew lejn xi ħofra-għadira f'qiegħ ta' xi wied? Jew qatt tfajtu ħarsitkom lejn tlugħ u nżul ix-xemx f'dak l-orizzjont, jew fuq dawk il-firxa ta' pajeżaġġi, fil-bogħod 'il bogħod, li kienu raw lil Ġesù fil-ħajja jumija tiegħu? Għax dawk id-dehriet tax-xaqliba tal-Għolja, ta' dik il-liwja ta' ilma ġieri li tagħmel xi għadira, ta' dik il-ħofra għadira f'qiegħ il-wied, jew dik id-dehra ta' tlugħ u nżul ix-xemx fl-orizzont, mhumiex ħaġ'oħra ħlief ħsus ta' ruħna fuq l-irizzont tal-grazzja divina.

Dawk l-ilmijiet tal-Bħajra ta' Genezaret semgħu huma nfushom leħen Ġesù jsejjaħ l-ewlenin dixxipli tiegħu u rawh kif minn sajjieda biddilhom f'Appostli tal-merħla tiegħu. Xi jgħodd li l-lum ma baqa' xejn minn Betsajda? Minn dak in-nhar 'il hawn, kull dar li fiha tinbet sejħa jew vokazzjoni għall-appostolat għal u fil-merħla ta' Kristu, dik id-dar hija Betsajda ġdida.

Kienu dawk l-ilmijiet tal-Bħajra ta' Genezaret li bdew ibabqu meta Ġesù kien amar lil Pietru biex jaqla' 'l barra d-dgħajsa tiegħu wara xogħol għal xejn u biex jitfa' l-baħar mill-ġdid ix-xbiek għas-sajda u, wara ftit, bilkemm setgħu jerfgħu l-ħut li nqabad. Għax minn hemm 'il hawn, fuq il-kelma ta' Ġesù hu msejjes kollu kemm hu kull spirtu u kull ruħ ta' appostolat, li matul iż-żminijiet wassal hekk għadd bla qies ta' erwieħ għal Ġesù Kristu.

U mhux Ġesù kien li raqqad il-qilla tal-mewġ u tal-ħalel ta' baħar ta' Tabarija li heddu bl-għarqa d-dagħjsa ta' Pietru u l-fidi ewlenija ta' dawk li kienu nġabru ma' Kristu minħabba twemminhom fih? Kien imma l-istess Ġesù li farraġ lil Pietru u li saħħaħ fl-oħrajn twemminhom, bħal ma llum ifarraġ u jżomm sħiħa lill-Knisja tiegħu għal matul iż-żminijiet fit-tempesti u tqarriq li magħhom tiltaqa'.

U kien sewwa sew fix-xatt ta' Tabga, wara li kien qam minn bejn l-imwiet, li Ġesù kien talab minn Pietru, għal tliet darbiet, ix-xhieda ta' mħabbtu fih — bħallikieku bħala tpattija għat-tliet ċaħdiet tiegħu — fejn imbagħad, bħala ħlas tah il-Primat fuq sħabu, u xandru bħala r-Ragħaj tal-merħla tiegħu kollha u Ras Ewlenija tal-Knisja tiegħu.

U filwaqt li fil-pajjiż ta' Magdala Ġesù ħafer u rafa' mit-tajn ta' l-art ħlief ħerba, u f'Kafarnahum ma baqax ħlief biss fdalijiet ta' Sinagoga kbira. Xi jgħodd imma dan? Il-Mulej għadu hemm u setgħani u jħenni l-erwieħ.

Bħalma Hu ħaj u setgħani fuq dik il-Għolja tal-Beatitudni li kienet semgħet minn fommu dak id-diskors, li bih Ġesù kien xandar is-sisien tal-Kodiċi Ġdida bil-liġijiet ta' Ħaqq u ta' Mħabba, sisien tar-reliġjon divina tiegħu.



*Il-baħar ta' Ġenesar, li fuq xtutu Ġesù kien jgħallem. Tidher ukoll il-belt ta' Tabarija kif inhi issa.*

lil Marija, li hekk kienet dinbet, imma li aktar kienet ħabbet, wera lil kulħadd li waslet il-fidwa u l-verità tal-maħfra, f'Kafarnahum, stqarr għall-ewwel darba fil-beraħ u mingħajr ebda tlaqliq, li "Hu l-ħobż tal-Ħajja li niżlet mis-sema"; u dan bħala tħabbira ta' l-Ewkaristija, li tmantni l-qlub safja u li tbiddilhom f'membri ħajja ta' Alla ħaj.

F'Magdala ma fadal xejn il-lum

U hekk Ġesù huwa ħaj u qiegħed dejjem f'dak il-wied ċkejken li huwa madwar il-Għadira u li qdieħ biex ilissen u jxandar dawk il-parabbli ta' tagħlim tal għaġeb: taż-żerriegħ it-tajjeb..., tal-qamħa u tas-sikrana..., taż-żerriegħ tas-senapa..., tal-ħmira..., tat-teżor moħbi..., tal-ġawhra u tax-xibka..., u oħrajn, kollha ta' dawl kbir.

U wkoll madwar dik il-Bħajra ta' Genezaret li Ġesù wettaq l-aktar kbar

egħġubijiet għall-ġid ta' ħafna u ta' kulħadd: l-imġiddmin ġew imnaddfa, il-morda ġew imfejqa, il-qaddej taċ-Ċenturjun ġie mfarraġ u hekk ukoll omm mart Pietru, l-invażati ta' Gerasa, il-magħtub, bint Ġajru, l-emorojissa, u għomja u muti, u magħtubin u għadd bla qies ta' msejkna oħra.

U mhux hemm kien ukoll, meta kattar il-ħobż, waqt li tama' l-ġisem u paxxa r-ruħ ta' dawk l-eluf li kienu jmorru għal warajh u jemmnu Fih?

U eluf, u eluf ta' tifkiriet oħra ġġibilna quddiem għajnejna l-Bħajra Genezaret, bħallikieku armarju mimli sa ruħu bl-aqwa tifkiriet. U dawn it-tifkiriet huma għal kulħadd, għax Ġesù hu Alla, għax Alla hu Missierna, ġidu u saltnatu huma tagħna, għax Alla jista' kollox, u aħna ta' kollox aħna bżonn: kollox ninħtieġu: assolutament kollox, u biss minn Għandu.

Dan hu l-Baħar ta' Tabarija!

# L-APOSTOLAT TAL-BAĦAR FL-ART IMQADDSA

Waħda minn dawk il-ħidmiet fejjieda misjuba mill-qalb kbira tar-Reliġjon Nisranija - Kattolika, li timxi dejjem wara wliedha kull fejn ikunu u kull fejn imorru hi, mingħajr ebda dubju, l-opra ta' "L-APOSTOLATUS MARIS", li hi ħlejqa ġdida u qaddisa mitluba miż-żminijiet tagħna u mir-rieda tas-Santa Sedi Appostolika.

Kien il-Q. T. il-Papa Piju XII, li, fl-1 ta' Awissu, 1952, bix-xandira tal-Kostituzzjoni tiegħu **"Exul Familia"** fehem li jagħti għamla ta' liġijiet ġodda li huma siewja għall-għajnuna spiritwali, morali u soċjali ta' l-emigranti u ta' dawk kollha li jbaħħru jew ikunu jinsabu f'portijiet ta' pajjiżi għorba. Għalhekk, fit-Tieni Taqsima tal-Kostituzzzjoni "Exul Familia", il-Papa jagħti lis-Sagra Kongregazzjoni tal-Konċistorju setgħat barranija dwar it-tmexxija u l-qadi tal-baħħara u ta' l-emigranti, ikunu fejn ikunu; u għal dan il-għan ħoloq żewġ uffiċċji ġodda taħt direzzjonijiet ġodda: a) **Kunsill ta' l-Emigrazzjoni,** li għandu jikseb, isib u jistabbilixxi dawk il-mezzi l-aktar siewja għall-qadi ta' l-emigranti; b) **Segretarjat Ġenerali Internazzjonali,** li jfittex jirregola u jagħti tmexxija mill-aħjar għall-opra u għall-ħidma siewja ta' l-Appostolat tal-Baħar.

Is-seklu tagħna, is-seklu XX huwa s-seklu tal-magni, is-seklu ta' fittex isa! Id-dinja, fl-ibħra, fix-xmajjar kbar tagħha u fl-oċeani, hi mniġġsa, marbuta u mgħaqqda b'xibka fina fina ta' vapuri: vapuri ta li stim u ta' bla stim, vapuri kbar u żgħar, ta' lussu u tat-tagħbija li, lejl u nhar ibaħħru, jiltaqgħu flimkien; huma mijiet ta' eluf ta' baħħara fuq dawn il-vapuri u ma hemmx marsa fid-dinja fejn dawn il-baħħara ma jiltaqgħux ma' xulxin. Huma mijiet ta' eluf li jaqilgħu ħobżhom ta' kuljum għalihom u għal dawk ta' djarhom, minn fuq dawn il-vapuri, minn fuq il-baħar. Ma hemmx port tad-dinja fejn ma